GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
DIPARTIMENT STRATEĠIJA U SAPPORT

# ĊIRKOLARI

**Informazzjoni: ✓** **Azzjoni Meħtieġa:✓**

**Ref: DS&S 115/2021**

**Mingħand: Id-Direttur Ġenerali Strateġija u Sapport**

**Lill-ġenituri/Gwardjani Legali**

**Suġġett: Applikazzjonijiet għat-Trasport bla ħlas għall-Iskejjel tal-Istat 2021/2022**

**Data: 13 ta' Mejju 2021**

---

Għażiż Ġenitur/Gwardjan Legali,

**Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għat-Trasport bla ħlas għall-Iskejjel tal-Istat u li jagħlqu fil-15 ta' Lulju 2021.**

Huwa importanti li jekk trid tagħmel użu mis-servizz tat-Trasport bla ħlas għall-Iskejjel tal-Istat tagħmel hekk kif indikat hawn isfel:

## TIĠDID/MODIFIKA TAL-APPKLIKAZZJONI TAT-TRASPORT BLA ĦLAS GĦALL-ISKEJJEL TAL-ISTAT

Jekk ibnek/bintek kien/kienet qed jagħmel/tagħmel użu mis-Servizz tat-Trasport Bla Ħlas għall-Iskejjel tal-Istat matul din is-sena skolastika 2020/2021, intbagħtet email b'link bl-applikazzjoni biex iġġedded/timmodifika jew ma tibqax tuża t-Trasport Bla Ħlas għall-Iskejjel tal-Istat.

Jekk jogħġbok agħmel użu mil-leaflet mehmuż biex iġġedded jew timmodifika l-applikazzjoni tiegħek għas-sena skolastika 2021/2022.

## BIEX TUŻA GĦALL-EWWEL DARBA T-TRASPORT BLA ĦLAS GĦALL-ISKEJJEL TAL-ISTAT

Jekk ibnek/bintek se juża/tuża s-Servizz ta' Trasport Bla Ħlas għall-Iskejjel tal-Istat, applika billi tuża l-link li ssib fis-sit www.schooltransport.edu.mt.

Uża l-leaflet biex timla l-applikazzjoni.

Applikazzjonijiet ġodda għandhom isiru bl-e-ID, jekk għadek ma attivitajtx il-kont tal-e-ID account tiegħek, kellem lil Identity Malta (e-ID Cards Unit) billi tibgħat email lil infoeid@gov.mt, niżżel in-numru tal-ID (kard ta' residenza) u l-indirizz elettroniku tiegħek.

Ġenituri/Gwardjani Legali li m'għandhomx aċċess għall-internet jew m'għandhomx indirizz elettroniku u li jeħtieġu l-għajnuna, jistgħu jżuruna edu servizz.gov Great Siege road Floriana.

Ġib miegħek il-karta tal-identita jew kard ta' residenza u ċ-ċertifikat tat-twelid tat-tfal.

Ħinijiet tal-ftuħ ta' edu servizz.gov huma:

Tnejn sas-Sibt (kuljum): 08:00–13:00

Erbgħa: 16:30-19:00

Jekk tkun teħtieġ iktar informazzjoni tista' ċċempel fuq 2598 1888 matul il-ħinijiet tal-uffiċċju jew tibgħat email lil schooltransport.educserv@gov.mt

Maria Galea

Direttur Ġenerali